MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 1045/2000/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Matthew Mifsud sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Jean Karl Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l–avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ tliet mija u sbatax-il lira Maltija (Lm317) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-22 ta’ Novembru 1997 f’San Giljan, fir-roundabout ta’ hdejn it-Tigulio, meta il-konvenut waqt li kien issuq il-vettura numru LAH 741 habat billi baqa diehel fil-vettura numru MAT 145 li kienet wieqfa, proprjeta’ tal-assikurat Matthew Mifsud prevja d-

dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unkament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1999, u tat-18 ta' Jannar, 2000 u tal-ittra ufficjali presentata konteswalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort tas-sewwieq Matthew Mifsud li waqt li kien qed isuq il-vettura numru MAT 145 naqas milli josserva r-Regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-inciedent ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni.
3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PS 778 David Sant</u> (fol 14, 23 , fol 26 u fol 31 et seq ibid) xehed illi f'dan il-kaz ma kienx sar skizz stante li kien incident 'bumper to bumper" u ghalhekk esebixxa kopja tar-<u>rapport</u> u r-'road accident report' (fol 28 u fol 29 u fol 33 u fol 37 ibid). Mill-istess dokumenti jidher li f'dan l-incident kienu involuti zewg vetturi, dik bin-numru <u>MAT 145</u> misjuqa minn <u>Matthew Mifsud</u> u l-ohra bin-numru <u>LAH 741</u> misjuqa mill-<u>konvenut</u>. Mill-istess rapport, jirrisulta illi Matthew Mifsud kien stqarr 'a caldo' li hu kien diehel fil-'parking' (faccata ta' stabiliment li kien maghruf bhala 'Tigulio') meta l-vettura misjuqa mill-konvenut dahlet 'fuq wara tieghu' waqt li l-konvenut, da parti tieghu, kien stqarr li '.. hu baqa' diehel fuq ta' quddiemu".
<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-assikurat tas-socjeta' attrici xehed (fol 57 et seq ibid) illi kien qed jsuq mill-'front' ta' San Giljan u kif "… kont ghaddejt ir-'round about' u bdejt nikser sabiex nidhol fil-'parking', hu waqaf anzi jiccaqqlaq bil-mod il-mod in vista li kien hemm karozza ohra hierga minn fejn kienet parkeggata sabiex jidhol minn flok din. Hawnhekk saret il-habta in esami billi ntlaqat angolatament fuq in-naha tax-xellug fuq wara tal-vettura misjuqa minnu. In kontro esami, hu eskluda li kien dahal fil-post tal-parkegg imsemmi billi saq kontra s-sinjal tat-traffiku ('kontra il-one way"). Difatti hu kien dar 'b'mod normali' mal-imsemmija 'round about'. Xeghel l-'indicator' lejn ix-xellug u dar sabiex jidhol fl-imsemmi parkegg. Dwar il-vettura misjuqa mill-konvenut, hu kien raha 'gej dritt ghal go fija' wara li l-istess konvenut kien niezel in-nizla li taghti mit-Triq Regjonali ghal fejn gara dan l-incident ossija "Jiena rajt lil(l)- iehor hiereg minn naha ta' isfel ta' dik in-nizla' fuq in-naha tax-xellug tal-istess xhud. Fl-ahharnett hu semma' illi meta gara dan l-inciedent kien ghadu dawl ("early evening") u li kien hemm hafna traffiku fil-lokalita' in kwistjoni (ara ukoll ix-xhieda ta' Amanda Cauchi, li kienet passiggiera fil-vettura uzata minn Matthew Mifsud, (a fol 63 u fol 64 ibid).

Ikkunsdrat

Ili <u>l-konvenut</u> (fol 68 u fol 69 ibid) jsostni li hu ma kienx niezel mill-imsemmija nizla izda mid-direzzjoni tal-'front' ta' Tas-Sliema u kien ser jdur mal-imsemmija 'roundabout' sabiex jitla' telgha li hemm hemmhekk u jsuq lejn il-lokalita' maghrufa bhala 'The Gardens'. Kif kien qed jdur mar 'roundabout' u kien ser jibda tiela mal-istess telgha, hu kien ra l-vettura l-ohra ftit qabel l-impatt. Hawnhekk hu sostna li l-karozza misjuqa minn Matthew Mifsud kienet ".. gejja 'wrong side' " ossija "… kienet ghaddejja minn quddiemi 'wrong side'". Hu ddeskriva l-impatt meta gara bhala wiehed hafif u li kellu konsegwenzi danni konsegwenzjali, tista' tghid, insinifikanti.

<u>Ikkunsdirat</u>

Illi, kif jidher mill-premess, hemm involuti f'dan il-kaz, <u>zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom</u> kif jidher mix-xhieda tal-partijiet involuti. Pero' ghandu jinghad illi l-

konvenut, kif di gja inghad, kien stqarr lill-Pulizija illi 'he dashed into the rear of car no MAT 145" (fol 37 ibid) u "… hu baqa' diehel fuq ta' quddiemu" (fol 28 u fol 34 ibid) minghajr ma semma' xejn dwar sewqan kontra l-'one way' jew 'wrong side' da parti tal-istess Matthew Mifsud. Dwar dan, il-Qorti kienet tistenna illi l-konvenut kien jsemmi dan il-punt jew jaccerna almenu, ghalih, meta kien qed jiddeskrivi l-incident lill-Pulizja, tenut kont li dan il-punt kien jkun ta' importanza sinifikanti, sabiex jigi deciz minn, mis-sewweiqa involuti, kien responsabbli ghal dan l-incident. Minhabba dan il-Qorti tara li dak li xehed Matthew Mifsud hu aktar kredibbli u b'hekk il-konvenut ghandu jigi kunsiderat bhala li sar b'mod imprudenti f'lokalita traffikuza u li tirrikjedi grad ghola ta' attenzjoni fis-sewqan u billi habat mal-vettura l-ohra fuq in-naha ta' wara ta' din, lejn ix-xellug taghha.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ammont pretiz bhala danni, jidher li, a basi tad-dokumenti a fol 44 u fol 45 tal-atti, l-istess ammont hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm317 bl-imghax legali mit-13 ta' Ottubru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta' Ottubru,1999, tat-18 ta' Jannar 2000 u tat-22 ta' Awissu 2000, imsemija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------